***PRESS STATEMENT:***

**NCPE tirreaġixxi għall-Politika Nazzjonali dwar ix-Xogħol**

Il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni tal-Ugwaljanza (NCPE) tagħraf l-importanza tal-'*Politika Nazzjonali dwar ix-Xogħol*' għal Malta biex issaħħaħ il-kunċett ta' xogħol li jrendi.

B'mod partikolari, l-NCPE tilqa' l-miżuri proposti biex jindirizzaw il-parteċipazzjoni ta' gruppi ta' persuni li m'humiex daqshekk rappreżentati fis-suq tax-xogħol, fosthom in-nisa. Dawn għalhekk jappoġġjaw lill-irġiel u n-nisa biex jidħlu jew inkella jibqgħu fid-dinja tax-xogħol. Miżura minnhom hi l-proposta li tiżdied il-kontribuzzjoni annwali tas-sigurtà soċjali li titħallas minn min iħaddem għal kull persuna li taħdem, ħalli l-ammont addizzjonali li jidħol mill-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali jkun allokat għall-proveddiment tal-*leave* tal-maternità imħallas lin-nisa.

L-NCPE temmen li din l-inizjattiva se tikkontribwixxi għal żieda fil-ħaddiema nisa għaliex tnaqqas id-diskriminazzjoni indiretta kontra n-nisa meta jkunu qed ifittxu x-xogħol minħabba li n-nefqa tal-*leave* tal-maternità ma tkunx iżjed marbuta direttament mal-ħaddiema nisa. Din il-miżura se tgħin ukoll lil min iħaddem biex iżomm fl-impjieg lil nisa li jkunu se jsiru ommijiet, minħabba li n-nefqa tal-*leave* tal-maternità mhux se tibqa' titħallas minn min iħaddem. Barra minn hekk, minbarra li jiżdiedu l-opportunitajiet għan-nisa biex jibqgħu jew jidħlu fid-dinja tax-xogħol, se jkun qed isir użu aħjar tar-riżorsi umani kollha minn min iħaddem u għalhekk ikun hemm aktar tkabbir ekonomiku.

Għaldaqstant, l-inizjattivi proposti f'din il-Politika biex jippromwovu aktar lill-ħaddiema nisa, flimkien ma' servizzi ta' *childcare* b'xejn għall-ġenituri li jaħdmu, il-*breakfast clubs* fl-iskejjel kif ukoll l-attivitajiet ta' wara l-ħin tal-iskola għat-tfal, se jsaħħu l-istrutturi ta' appoġġ li jħarsu u jippromwovu l-bilanċ bejn il-ħajja u x-xogħol għall-ġenituri.

Barra minn hekk, l-NCPE tirrikonoxxi wkoll il-miżuri proposti fil-*Politika Nazzjonali dwar ix-Xogħol* li huma mmirati għaż-żgħażagħ, il-ħaddiema li huma ikbar fl-età, il-persuni b'diżabbilità u s-suq tax-xogħol Għawdxi, li jikkunsidraw iċ-ċirkostanzi u l-bżonnijiet ta' ħaddiema u persuni oħrajn li m'humiex attivi fis-suq tax-xogħol.

**L-Erbgħa 7 ta' Mejju, 2014**